

Dispożittiv

- (1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Ġunju 2011, *De Nicola vs BEI (F-49/10)*, hija annullata, sa fejn hija tiċħad it-talbiet ta' C. De Nicola intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) li tiċħad it-talba tiegħu għal ħatra tat-tielet tabib.
- (2) Il-kumpliment tal-appell huwa miċħud.
- (3) Id-deċiżjoni tal-BEI li tiċħad, minħabba tardività, it-talba ta' C. De Nicola sabiex taħtar it-tielet tabib hija annullata.
- (4) C. De Nicola u l-BEI għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom marbuta kemm mal-istanza quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kif ukoll ma' din l-istanza.

(¹) ĠU C 282, 24.09.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2013 — Valeo Vision vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-457/11) (¹)

(“Rikors għal annullament — Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħquda — Intestatura tariffarja — Nuqqas ta' interess individwali — Att leġiżlattiv li jinkludi miżuri ta' eżekuzzjoni — Inammissibbiltà”)

(2013/C 313/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Valeo Vision (Bobigny, Franza) (rappreżentant: R. Ledru, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, B. R. Killmann u L. Keppenne, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 603/2011, tal-20 ta' Ġunju 2011, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 163, p. 10)

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Valeo Vision hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 298, 8.10.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2013 — “Rauscher” Consumer Products vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' tampun)

(Kawża T-492/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrapreżenta tampun sanitarju — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7 (1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 313/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: “Rauscher” Consumer Products GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: M. Stütz, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-20 ta' Lulju 2011 (Każ R 2168/2010-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala figurattiva li jirrapreżenta tampun sanitarju bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) “Rausche” Consumer Products GmbH għandha tbat i-ispejjeż.

(¹) ĠU C 355, 03.12.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2013 — Anbouba vs Il-Kunsill

(Kawża T-563/11) (¹)

(“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Oneru tal-prova — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta' motivazzjoni — Proċedura fil-kontumaccja — Talba għal intervent — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2013/C 313/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Issam Anbouba (Homs, is-Sirja) (rappreżentanti: M.-A. Bastin, J.-M. Salva u J.-N. Louis, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment R. Liudvinaviciute-Cordeiro u M.-M. Joséphidès, sussegwentement R. Liudvinaviciute-Cordeiro u A. Vitro, aġenti)